MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 192/1998/1

**Keith Azzopardi**
**Vs**
**David Galea u Raymond Farrugia ghal kull interess li jista' jkollu fil-ligi, u b' digriet tal-5 ta' Lulju 1999 giet kjamata fil-kawza John's Garage Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur permezz ta' skrittura privata datata 21 ta' Novembru 1997 xtara u akkwista minghand il-konvenut David Galea il-vettura mini-bus bin-numru ta' registrazzjoni X-5965 u dan versu l-prezz ta' sebat elef lira Maltija (Lm7000).

Premess illi ma din il-vettura gie wkoll mibjugh, u ghalhekk inkluz fil-prezz, ix-xoghol kollu li kien hemm prenotat

ghaliha; u fuq l-istess skrittura il-konvenut David Galea iggarantixxa li dan ix-xoghol fil-mument kien jammonta ghal madwar tmenin Lira Maltin (Lm80.00) fil-gimgha;

Premess li l-imsemmi David Galea, ipprezenta lilu nnifsu bhala l-propjetarju tal-vann mini-bus inkwistjoni, meta di fatti rrizulta li l-vann kien ghadu registrat f'isem Raymond Farrugia l-konvenut l-iehor;

Premess li ftit tal-jiem wara dan il-bejgh irrizulta (i) li l-vann in kwistjoni ma ienx idoneju ghall-iskop li nxtara peress li kien effett minn diversi difetti latenti, u (ii) di piu' ma kienx minnu li x-xoghol renda  tmenin lira Maltin (Lm80.00) fil-gimgha, izda hafna anqas minn hekk;

Premess li oltre dan kollu, il-kunsens tal-attur gie karpit b'qerq u ghalhekk meta hu pprezenta l-kunsens tieghu dan kien vizzjat;

Premess illi b'ittra ufficjali datata 30 ta' Dicembru, 1997 il-konvenuti gew inutilment interpellati biex jersqu ghar-rexissjoni tal-iskrittura sudetta.

Ighidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din il-Qortima ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. tiddikjara li l-vann sudett mini-bus X-5965 hija vettura effetta minn difetti latenti;

2. tiddikjara illi di piu' meta l-attur ippresta il-kunsens tieghu ghall-iskrittura tal-21 ta' Novembru 1997 dan kien karpit b'qerq prattikat mill-konvenuti jew min minnhom;

3. thassar u tirrexxindi l-iskrittura sudetta u dan billi l-konvenuti jew min minnhom jiehu lura l-vann in kwistjoni filwaqt li jirrifondi lura s-somma ta' sebat elef lira Maltija (Lm7000) bl-imghaxijiet legali mill-ittra ufficjali datata 30 ta' Dicembru, 1997;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Dicembru, 1997 u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-

subizzjoni, b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri li jispetta lill-attur ghad-danni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Farrugia li biha eccepixxa:

1. Preliminarjament u minghajr pregudizzju illi Raymond Farrugia ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex mhuwiex il-*legittimus contradictor* u dan stante li ma kienx hu, fil-kapacita' personali tieghu, li biegh il-vettura in kwistjoni lill-David Galea u lanqas ma kein hu li biegh il-vettura lill-attur;

2. Illi in oltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, Raymond Farrugia m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur stante li ma kienx parti fin-negozju ma' l-attur u lanqas ma kien jaf li kien ser isir in-negozju, liema negozju, allura, huwa *res inter alios acta* ghalih;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

4. Bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta-socjeta' konvenuta John's Garage Ltd., kjamata fil-kawza in forza ta' digriet tal-5 ta' Lulju 1999, li biha eccepiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta John's Garage Ltd m'ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-attur state li ma kienitx parti fin-negozju ma' l-attur u lanqas ma kienet taf li kien ser isir n-negozju, liema negozju, allura, huwa *res inter alios acta* ghaliha;
2. Salv eccezzjonijiet ohra.
3. Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda ta' dawn il-konvenuti;
Rat li l-konvenut David Galea ghalkemm debitament notifikat baqa' kontumaci;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-data tallum;

Ikkunsidrat

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz ta' skrittura privata datata 21 ta' Novembru 1997 l-attur xtara minghand il-konvenut David Galea minibus bin-numru X-5965 bil-prezz dikjarat ta' Lm7,000 li jinkludi fih "ix-xoghol gja hemm ibbukjat li fil-mument jammonta ghal madwar Lm80 fil-gimgha."[1] Dan il-prezz thallas fuq mal-iskrittura u sussegwentement il-van gie kkonsenjat lill-konvenut li minn naha tieghu, wara li hadem bih gurnata biss, skopra li l-van kien affett minn difetti latenti li kienu jirenduh inidoneju ghall-iskop li inxtara. Ghaldaqstant, l-attur istitwixxa dawn il-proceduri ghar-rexissjoni tal-iskrittura fuq indikata u r-refuzjoni tas-somma ta' Lm7000 imhallasa minnu fuq l-imsemmi Att.

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta inkontestat u pprovat li l-konvenut David Galea kien hajjar lill-attur sabiex dan jixtri minghandu l-minibus fuq indikat. Dan accetta u intlahaq ftehim verbali li l-van bix-xoghol li kellu, kellu jinbigh bil-prezz ta' Lm10,000, u li l-konsenja tal-van lill-attur kellha ssir wara li dana jkun hallas is-somma ta' Lm3000 kapparra. Mill-provi rrizulta li l-imsemmi konvenut kien qal lill-attur u lil missieru li l-van kien hargu gdid u li kien f' kondizzjoni tajba hafna.

Illi rrizulta li wara li l-konvenut hallas is-somma ta' Lm3000 lill-konvenut, dana rrifjuta li jikkonsenjalu l-minibus u wkoll talbu Lm400 ohra li l-attur hallsu. Izda madankollu l-konvenut baqa' ma kkonsenjax la l-van u lanqas il-log book, minkejja promessi u skuzi, u ssussegwentement beda jinsisti li l-konsenja ssir malli l-attur ikun hallas il-kumplament tal-prezz, u cioe' Lm7,000.

Illi rrizulta wkoll li sabiex l-attur seta' jhallas il-prezz huwa, bis-sahha wkoll ta' missieru, kellu jottjeni self mill-bank, liema self ottjenih fil-21 ta' Novembru 1997 u dak in-nhar stess saret l-iskrittura u l-attur hallas il-kumplament ta' Lm7,000 lill-konvenut David Galea.

[1] Dok.RS1 – Fol.92

Illi wara li l-attur hadem bil-minibus gurnata biss, immanifestaw fil-van diversi difetti li kienu jirrenduh inidoneju ghax-xoghol bir-rizultat li dana kellu jiggaraxxjah, u b' hekk, apparti li l-attur kien tilef il-xoghol li kellu qabel, gie li hallas ammont sostanzjali ta' flus ghal van li ma setghax jahdem bih, nonostante diversi affermazzjonijiet maghmula mill-konvenut Galea qabel il-bejgh dwar il-kondizzjoni tajba tal-minibus.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta li d-difetti fil-van gew skoperti mill-attur wara li saret l-imsemmija skrittura u thallas il-prezz ta' Lm7,000, ghax kien f' dak l-istadju li l-konvenut accetta li jikkonsenja l-van lill-attur, u ghalhekk l-attur ma setghax jinduna qabel. Dan fil-fehma tal-Qorti jispjega ghaliex il-konvenut kien mar lura mill-kelma tieghu u kien irrifjuta li jikkonsenja lill-attur l-van mal-hlas tal-kapparra ta' Lm3,000, u insista li din issir mal-kumplament tal-hlas tal-prezz. Dan il-fatt huwa evidenza tal- mala fede manifesta li biha mexa l-konvenut fil-konfront tal-attur. Il-Qorti ma ghandhiex l-icken dubbju li l-konvenut kien ben konxju tad-difett li kellu l-van, liema difett l-attur seta' jiskopri, ghad-dannu tieghu, wara l-konsenja, f' perijodu ta' gurnata biss.

Illi l-ligi tiddisponi li il-bejjiegh hu obbligat li jaghmel tajjeb ghad-difetti latenti li m jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom, kemm il-darba x-xerrej ma setghax ikun jaf bihom wahdu [Art.1424 u 1425]. F' dan il-kaz ix-xerrej jista' jaghzel li jressaq l-azzjoni redhibitorja ghar-rad lura tal-haga u r-radd lura lilu tal-prezz minnu mhallas, u dan f' kaz ta' mobbli fi zmien sitt xhur [Art.1427 u 1431].

Illi kif premess il-kaz in ezami jinkwadra perfettament fl-ambitu ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi. Irrizulta provat u wkoll inkontestat li l-van gie konsenjat lill-attur wara li saret l-iskrittura u thallas il-prezz kollu, u li. gurnata wahda biss wara, mmanifestaw ruhhom ghall-attur difetti serji li rrendu l-van inidoneju ghall-uzu li ghalih kien mahsub u

mixtri. L-attur ma setghax jinduna b' dawn id-difetti qabel ma giet konsenjata lilu l-vettura, liema difetti il-Qorti hija konvinta li l-konvenut kien pienament konxju taghhom. Jigi osservat li l-azzjoni odjerna giet istitwita fiz-zmien il-perijodu perentorju ta' sitt xhur mid-data li fiha gie skopert id-difett. Ghaldaqstant l-azzjoni odjerna in kwantu bazata fuq il-kawzali tad-difetti latenti hija sostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

Illi fic-citazzjoni odjerna l-attur qed isostni wkoll li l-kunsens tieghu kien gie karpit b' qerq da parti tal-konvenut David Galea, u talab ukoll dikjarazzjoni gudizzjarja f' dan is-sens. In propositu ghal dan l-element tal-dolus kif koncepit fl-Artikolu 981 gie osservat: "In order that it may invalidate consent [1] it must consist in fraudulent artifices or machinations; [2] it must be grave; [3] determining and [4] practised by the other party."[Notes on Civil Law – Professor Caruana Galizia]. Ghalhekk l-ewwel zewg elementi sabiex jikkonfigura d-dolo rikjest mill-artikolu precitat sabiex jivvizzja l-kunsens huma: ir-raggiri u l-gravita'. Ir-raggiri gew defeniti bhala "Fraudulent artifices are all those means which are made use of with the knowledge that they are false and which are apt to make an individual mistake one thing for another" u "Dolus is grave when the machinations are such as to operate on a reasonable person, and they must exceed that sort of simulation and reticence which is usual in commerce and which is therefore allowed."[2][Ibid]

"Fi kliem iehor id-dolo jikkonsisti fir-rieda hazina ta' wiehed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq [raggiri]…. Mhux kwalunkwe skaltrezza hi dolo u li fl-iskambi ekonomici [ghalkemm anke l-lealta' kommercjali ghandha l-ezigenza taghha] certu ftahir tal-haga offerta da pati tal-bejjiegh mhux illecitu fil-kamp guridiku, makemm ma jilhaqx dak il-grad ta' malvagita' li hu proprju tad-dolo." [App.Kum. Rev.Don Francesco Zammit et vs Avukat Dotor Anthony Farrugia et – 31.03.1967]

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm l-Artikolu 981[2] jiddisponi tassattivament li l-ghemil doluz ma jistax jigi prezunt izda ghandu jigi ppruvat, u dan mill-parti li tkun qed tallegah [Art.562 Kap.12], “Attesoche non e’ fuor di propositu notare che sebbene la stessa legge non riconosce presunzioni di dolo contrattuale, non le riconosce bensi come presunzioni legali, senza escludere con cio’ che il criterio morale di giudicanti si regoli sopra congetture prestanti ragionevoli presunzione che concordate con fatti noti producono in anima loro la convinzione” [PA. Giuseppe Galea vs Salvatore Bonnici 25.10.1884]

Applikat il-premess ghall-fattispecje tal-kaz, din il-Qorti hija tal-fehema li, ghalkemm mill-provi hija sodisfatta li l-konvenut Galea kien konxju tad-difett qabel ma kkonsenja l-vettura lill-attur, u nonostante li dana baqa’ sieket dwar dan, xorta wahda ma jistax jinghad li saru raggiri frawdolenti da parti tieghu kif titlob il-ligi u l-gurisprudenza patrija li jirrendu l-kunsens tal-attur vizzjuz.  Anke jekk dana biex jinduci lill-attur fil-bejgh qal li l-van kien f’ kundizzjoni tajba.  Il-Qorti thoss li dawn il-fatturi per se, ghalkemm jrrendu applikabbli ghall-kaz wkoll id-dispost tal-Artikolu 1429 [1]  ma jikkostitwux raggiri frawdolenti esercitati fuq l-attur.  Ghaldaqstant it-tieni talba attrici ma hijex gustifikata.

In fine jigi osservat relattivament ghall-kap tal-ispejjez li, ghalkemm ghandu jirrizulta car li l-ispejjez ta-ewwel u tat-tieni talba ghandhom jigu soppportati mill-konvenut David Galea, dawk relattivi ghall-konvenut Raymond Farrugia u s-socjeta’ konventa John’s Garage Ltd. ghandhom jibqghu a kariku tal-atturi, stante li kellu jirrizulta car li dawn iz-zewg konvenuti kienu res inter alios acta ghat-transazzjoni li sehhet bejn l-attur u l-konvenut David Galea.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

Fl-ewwel lok tillibera lill-konvenuti Raymond Farrugia u John’s Garage Ltd. mill-osservanza tal-gudizzju; u fit-tieni

lok, tilqa' l-ewwel u t-tielet talba attrici kif dedotti, u, wara li tiddikjara li l-van minibus X-5965 huwa affett minn difetti latenti, thassar u tirrexxindi l-iskrittura privata fuq indikata tal-21 ta' Novembru 1997 u tordna li l-konvenut David Galea, filwaqt li jiehu lura l-van, jirrifondi lura lill-attur is-somma ta' sebat elef lira maltin [Lm7,000] bl-imghaxijiet kif mitluba, u bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenut; hlief dawk relattivi ghaz-zewg konvenuti l-ohra, li ghandhom jibqghu a kariku tal-attur. Tichad it-tieni talba attrici bl-ispejjez. Jibqa' impregudikat id-dritt tal-attur ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lilu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------